**12 ta' Marzu, 1954**

Imhallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Victor Tonna Barthet ne.** *versus* **Ronald Pace ne.**

**Kolegg — Polza tal-Kambju — Ġurisdizzjoni.**

***Patt li bih il-partijiet jiftehmu, bejn żewġ tribunali, wieħed ta' Malta u ieħor ta' pajjiż ieħor, liema minnhom għandu jieħu konjiz-***

*zjoni tal-kwistjoni, suppost li jkun hemm bżonn jadizzu l-Qorti, huwa validu.*

*Imma, meta dak il-patt huwa inserit fil-polza tal-kariku, u mhux fil-kuntratt tan-noleġġ, dak il-patt ma jistax jiġi invokat jekk il-kwistjoni tqum, mhux minħabba xi fatt jew att tan-noleġġjant jew tal-kaptan wara l-karikament tal-merkanzija u in eżekuzzjoni tal-polza, imma invece tqum minħabba fatt tan-noleġġjant qabel ma ġiet karikata l-merkanzija u kwindi qabel ma ġiet rilaxxjata l-polza tal-kariku, fatt vjolatur ta' l-obligazzjoni assunta mill-istess noleġġjant fil-kuntratt tan-noleġġ.*

*U' tabilħaqq, il-polza tal-kariku mhix ħaġa wahda mal-kuntratt tan-noleġġ. Il-polza tal-kariku hija l-iskrittura, ir-riċevuta, li l-kaptan, b'obligu, jagħti għall-merkanzija karikata, konstatanti l-effettiva karikazzjoni u l-kondizzjonijiet tat-trasport; hija att li għandu ħajja tiegħu propja u awtonoma; u ma tikkostitwix aċċessorju jew appendiċi tal-kuntratt tan-noleġġ, kif lanqas ma tippresupponih.*

*Il-polza tal-kariku tiddifferixxi mill-kuntratt tan-noleġġ kif l-eżekuzzjoni ta' kuntratt tiddifferixxi minn sempliċi promessa; b'mod li, meta jkun hemm kuntratt tan-noleġġ bil-miktub, hemm bżonn ugwalment tal-polza; u kwindi, fil-waqt li jista' ma jkunx hemm kuntratt tan-noleġġ bil-miktub, mhux possibili li ma jkunx hemm polza. Fejn hemm kuntratt tan-noleġġ bil-miktub, ir-rapporti bejn noleġġjant u noleġġjatur jinsabu regolati minn dak il-kuntratt; fil-waqt li l-polza tal-kariku tirrigwarda r-rapporti tal-kaptan mal-karikatur u l-kondizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija mill-karikazzjoni sar-restituzzjoni tagħha.*

*Għaldaqstant, jekk il-patt deroganti għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal ikun jinsab fil-polza tal-kariku, u l-kwistjoni bejn il-partijiet tqum minħabba xi fatt tan-noleġġjant qabel ma ġiet karikata l-merkanzija, dak il-patt ma jistax jiġi nvokat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi b'kuntratt ta' noleġġ tat-23 ta' Settembru 1953 il-konvenut obliga ruħu li jgħabbilu fuq il-motonavi "Altair" 250 barri, bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru ta' dik l-istess sena; u illi l-konvenut naqas mill-obligu tiegħu li jgħabbi dawk il-barrin fiż-żmien stipulat fl-imsemmi kuntratt ta' noleġġ, għabba, invece, il-barrin fit-18 ta' Ottubru

1953, u telaq bihom minn Trieste fid-19 ta' Ottubru ta' dik is-sena; u illi r-ritard ikkaġunalu danni: talab, previ d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, illi l-istess konvenut nomine jiġi dikjarat responsabili għad-danni li sofra a kawża tar-ritard fuq imsemmi, li jiġu likwidati f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tas-16 ta' Ottubru 1953;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni preġudizzjali deklinatorja:

Illi fl-art. 30 tal-"Condizioni di Trasporto" tal-"polizza di carico" relativa għat-trasport tal-merkanzija fuq indikata fuq il-moto-nave fuq riferita minn Trieste għal Malta (fol. 18 tergo) jinguad illi:— "Tutte le contestazioni alle quali potesse dar luogo l'esecuzione della presente polizza dovranno essere portate davanti alla competente autorità giudiziaria di Genova, alla quale, per stipulazione espressa, è fatta attribuzione di giurisdizione; tanto il caricatore che il destinatario si impegnano di non citare l'armatore, il capitano o l'agente, davanti a nessun' altra autorità giudiziaria, nemmeno in via di appello, in garanzia o nel caso di pluralità di convenuti";

Illi patt bħal dan, illi bejn żewġ tribunali, wieħed ta' Malta u ieħor ta' pajjiż ieħor, il-partijiet jiftehmu liema minnhom għandu jieħu konjizzjoni tal-kawża, suppost li jkollhom bżonn jadixxu l-Qorti, huwa validu, skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna: u kwindi, meta jsir dan il-ftehim bejn il-partijiet, dawn huma obligati joqgħodu għalih, u dak il-patt ma jistgħax jiġi riżolut ħlief bil-kunsens tattnejn;

Illi, però, dan il-patt, fil-każ in diżamina, jinsab fl-imsemmija polza tal-kariku, u mhux fil-kuntratt ta' noleġġ riferit fl-att taċ-ċitazzjoni, li kopja tiegħu qegħedha fil-fol. 5 tal-proċess; u kwindi dak il-patt ma jistax jiġi nvokat f'din il-kawża, li ma qametx minħabba xi att jew fatt tan-noleġġjant, jew tal-kaptan, wara l-karikament tal-merkanzija u in eżekuzzjoni tal-polza, imma qamet, inveċi, minħabba l-allegat fatt tan-noleġġjant qabel ma ġiet karikata l-merkan-

zija, u kwindi qabel ma ġiet rilaxxjata l-polza, vjoletur ta' l-obligazzjoni mill-istess noleġġjant assunta fl-imsemmi kuntratt ta' noleġġ, li jgħabbi l-merkanzija bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru, 1953, salv il-każ ta' forza maġġuri;

Il-konvenut nomine jaħseb — hekk wera u sostna waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża — illi l-polza tal-kariku hija ħaġa waħda mal-kuntratt ta' noleġġ, hija parti minnu, anki meta jkun hemm, kif hemm fil-każ preżenti, kuntratt miktub ta' noleġġ; u allura huwa jrid illi l-pattijiet kontenuti fil-polza jgħoddu wkoll indistintament, naturalment inkwantu applikabili, anki għall-kuntratt ta' noleġġ preċedenti, non ostanti li f'dan il-kuntratt ma jkunux ġew stipulati. Dina n-nozzjoni hija erronea:

U difatti, il-polza tal-kariku hija l-iskrittura, ir-riċevuta, li l-kaptan, b'obligu, jagħti għall-merkanzija karikata, konstatanti l-effettiva karikazzjoni u l-kondizzjonijiet li taħthom għandu jsir it-trasport. Ma tikkostitwix aċċessorju jew appendiċi tal-kuntratt ta' noleġġ, u lanqas ma tippresupponieh. Huwa att li għandu ħajja tiegħu proprja u awtonoma, u li jestrinseka funzjoni doppja, ġuridika u ekonomika, billi huwa d-dokument kostitutiv u probatorju ta' l-istipulazzjoni tat-trasport, u t-titolu simboliku li jirrappreżenta l-merkanzija. Jadempixxi fit-trasport fuq il-baħar, b'effetti ekonomiċi aktar estiżi, il-funzjonijiet ta' l-hekk imsejħa "lettera di vettura" fit-trasport fuq l-art;

Il-polza tal-kariku, immela, tiddifferixxi mill-kuntratt ta' noleġġ kif l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tiddiferixxi minn sempliċi promessa; għaliex il-kuntratt ta' noleġġ huwa pjuttost kuntratt ta' promessa, fil-waqt li l-polza hija l-prova tal-prinċipju ta' eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt, jiġifieri l-prova illi l-bastiment ġie fornit u li n-noleġġjatur ikkonsenja l-merkanzija. Għaldaqstant, anki meta jkun hemm kuntratt miktub ta' noleġġ, hemm bżonn ugwalment tal-polza, biex jiġi muri li l-merkanzija ġiet effettivament karikata u konsenjata; u kwindi, fil-waqt li jista' ma jkunx hemm kuntratt ta' noleġġ, għaliex għalih tista' tissupplixxi l-polza, kif generalment isir fil-każ ta' trasporti singoli ta' merkanzija, billi din iżżomm il-pent ta' l-istess kuntratt ta' noleġġ f'dawk il-każijiet kollha, l-aktar frekwenti, li fihom dak il-kuntratt

ma għandux neċessarjament skond il-liġi jiġi konkjuż bil-miktub, mhux possibili li ma jkunx hemm il-polza;

Il-kuntratt ta' noleġġ, moltri, jiggoverna r-rapporti bejn in-noleġġjant u n-noleġġjatur; il-polza għandha rigward biss għar-rapporti tal-kaptan mal-karikatur, u għalhekk il-partijiet intervenjenti għall-kompilazzjoni tal-polza jistgħu jkunu diversi minn dawk li jkunu għamlu l-kuntratt ta' noleġġ. Infatti l-kaptan għandu jiffirma lill-karikatur il-poloz tal-kariku anki meta l-karikatur ma jkunx in-noleġġjatur u l-kuntratt ta' noleġġ ma kienx ġie konkjuż miegħu;

Il-polza tal-kariku hija għalhekk il-prova ta' l-effettiva konvenzjoni, u kwindi tipprova l-kuntratt tan-noleġġ li tiegħu hija l-prinċipju ta' l-eżekuzzjoni, u tissostitwixxi dak il-kuntratt in kwantu għall-formalitajiet ta' l-iskrittura; iżda, meta jkun hemm l-iskrittura, il-kuntratt tan-noleġġ, huwa dan li jagħmel fidi tal-konvenzjonijiet u ta' l-akkordji intervenuti bejn in-noleġġjant u n-noleġġjatur. Il-polza, kif ġa ugħad, tirrigwarda r-rapporti tal-kaptan mal-karikatur, u tiggoverna anki r-rapporti bejn in-noleġġjatur u d-destinatarju relativament għall-kondizzjonijiet tat-trasport u tal-konsenja tal-merkanzija (Pipia, Vol. I, pag. 594-654);

Illi għaldaqshekk, fil-każ preżenti, fejn hemm kuntratt miktub ta' noleġġ, ir-rapporti bejn noleġġjant u noleġġjatur huma regolati minn dak il-kuntratt, mill-pattijiet stipulati f'dak il-kuntratt; il-polza tirrigwarda r-rapporti tal-kaptan mal-karikatur u l-kondizzjonijiet tat-trasport tal-merkanzija mill-karikament sar-restituzzjoni tagħha;

Kif ġà ngħad, il-patt li bih il-partijiet għażlu t-tribunal ta' Genova ma jiffigurax fil-kuntratt ta' noleġġ, li minnu ħarġet l-azzjoni esperita f'dan il-ġudizzju;

Tikkunsidra;

Illi, appuntu għaliex il-polza tal-kariku hu dokument ta' data posterjuri għall-kuntratt ta' noleġġ, fl-intendiment li tingħata eżekuzzjoni għall-kuntratt preċedenti, hija tneħħi, kif jgħid il-Professur Ascoli (Codice di Commercio Commentato, Vol. VII, pagina 196), dawk l-ambigwitajiet li każwalment jistgħu jissuċċiedu fil-kuntratt ta' noleġġ, u tagħti lok għall-

preżunzjoni li biha l-partijiet fehmu li jidderogaw għal dawk il-kondizzjonijiet speċjali li jkunu ġew enunċjati b'mod divers fil-kuntratt ta' noleġġ; dan, però, naturalment, in rigward ta' dawk il-kondizzjonijiet, enunċjati fil-kuntratt u fil-polza, riferibili għat-trasport mill-mument tal-karikazzjoni, meta tiġi rilaxxjata l-polza, sar-restituzzjoni tal-merkanzija; u ċerta ma jfissirx, kif ċar jidher mill-kontest, li patt fil-polza, mhux enunċjat fil-kuntratt ta' noleġġ, jista' jiġi applikat għall-konvenzjonijiet riżultanti minn dak il-kuntratt, u mhux magħmulin fil-polza;

Għall-motivi premessi;

Tirrespingi l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.